

Mro. Anthony Sammut l-iktar surmast li dam jidderiġi l-banda San Pio X – 45 sena waqt l-aħħar kunċert tiegħu lejliet il-festa tas-Salvatur 1989.

# Mro. Anthony Sammut

## Surmast tas-soċjetà bejn 1944-1989

**ANTHONY SAMMUT,** bin Mikiel, minn Birkirkara, eduka ruħu fil-Kulleġġ tal-Freres, Bormla, tgħallem il-mużika għand is-surmastrijiet Vincenzo Costa u ibnu Carmelo Costa LRSM.

Ta' ħdax -il sena, beda l-eżamijiet tal-Association of the London College of Music. Minn dan il-kulleġġ kiseb midalja tal-fidda u oħra tal-bronż, ċertifikat ta' l-eżami tas-Seventh – Advance – Final – Royal Schools and Royal College of Music (Lond) u ta' 24 sena ġiet mogħtija lilu d-diploma bit-titlu ta' A.Mus., L.C.M.

Anthony Sammut, ta' 30 sena kien professur tal-kurunetta, surmast ta' l-armonija, direttur u kompożitur. Bħala direttur kellu jgħinuh widna sensibbli, qalb edukata u moħħ intelliġenti. Ittra, tal-25 ta' Lulju, 1949 tas-surmast kompożitur Giovanni Pennacchio ta' Katanja torbot dan il-kliem.

Mro. Penacchio għaraffna fuq is-suċċess kbir li s-surmast Sammut kiseb f'kunċert imwettaq mill-Banda Imperial fil-Villa Bellini taħt id-direzzjoni tiegħu u faħħar it-teknika speċjali li għandu u li għad twasslu għall-ogħla suċċessi.

Is-surmast Sammut iddirieġa fl-istess Villa l-banda La Stella ta' Għawdex fl-1948 u l-Imperial tal-Mellieħa fl-1949 u bħala tifkira għandu r-ritratt awtografat ta' Penacchio b'dawn il-kelmiet: "All'egrio Maestro Antonio Sammut in ricordo del concerto svolto in Catania dalla banda La Stella sotto la sua abile direzione. Giovanni Penacchio, 24 ta' Settembru 1948." Is-surmast Sammut kien ukoll direttur tas-soċjetà mużikali Banda San Pio X. Dam surmast għall-45 sena sħaħ jidderiġi l-banda. Dak iż-żmien kienu l-aqwa mumenti tas-soċjetà fejn matul is-sena kienu joħorgu jdoqqu ħafna drabi. Dan kien bejn 1944-1989. F'dan Iż-żmien is-soċjetà marret iddoqq ġewwa Biancavilla, f'Katanja u kienet taħt id-direzzjoni tiegħu. Fost ix-xogħlijiet insibu l-Innu s-Salvatur kliem ta' Mons. Alfred Xuereb, innijiet ta' diversi qaddisin u l-Innu tal-banda San Pio X.

Barra l-banda San Pio X idderieġa wkoll King's Own, Santa Elena, il-Vitorja u l-Leone ta' Għawdex.

*Referenzi: Mużiċisti u Kompożituri Maltin u Għawdxin – Robert Mifsud Bonnici – 1951*